MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Numru 8/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Salvatore sive Silvio Mangion**

**DIGRIET.**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tal-Akkuzat tat-18 ta' Gunju, 2010, li bih talab li jigu prodotti bhala xhieda in difesa it-tobba psikjatri Dr. David Cassar, Dr. Joseph Vella Baldacchino , Dr. Mark Xuereb, Dr. Joseph Spiteri, Dr. Ethel Muscat [recte : "Felice"], Dr. Peter Muscat u Dr. George Debono.

Rat id-Digriet Taghha tal-istess data li bih ordnat in-Notifika tal-Avukat Generali li kellu jirrispondi dak in-nhar stess sal-12am kif ukoll ordnat lir-rikorrent li sal-istess terminu jghid b' Nota x' kien l-oggett tal-prova li ried jaghmel b' dawn ix-xhieda, una volta li l-eccezzjoni tieghu tad-demenza fiz-zmien tal-kawza kienet gja giet deciza

definittivament bil-verdett tal-gurija tat-8 ta’ Gunju, 2001 u s-sentenza ta’ din il-Qorti tal-istess data li , in difett ta’ appell minnha fit-terminu preskritt mill-ligi, issa ghaddiet in gudikat.

Rat in-Nota tal-akkuzat tal-istess data li biha hu ddikjara li l-oggett tal-prova kien biex jistabilixxi x’ kienet is-sitwazzjoni mentali tal-akkuzat meta ttiehdu l-istatements mertu ta’ dan il-kaz.
Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali li bijha oppona ghat-talba ghar-ragunijiet indkati fl-istess Nota responsiva.

Rat id-Digriet ulterjuri Taghha tal-istess data li bih irrizervat li tipprovdi dwar it-talba wara li tisma lill-partijiet waqt l-udjenza tal-lum, 21 ta’ Gunju, 2010 (il-jum li ghalih hu appuntat il-guri) li kellha tibda fit-8.30am ghall-istess skop.

Semghet lill-partijiet fl-udjenza tal-lum u irrizervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri tal-kawza.

Ikkonsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta li l-akkuzat ma kienx ipprezenta in-Nota li biha kellu jaghti avviz dwar l-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 tal-Kap.9 u lanqas ma indika x-xhieda, jew ipproduca d-dokumenti w oggetti ohra li kellu hsieb juza fil-kawza, fit-terminu ta’ hmistax il-jum tax-xoghol mid-data tan-notifika lilu tal-Att ta’ l-Akkuza, kif kien obbligat li jaghmel skond l-artikolu 438 (2) (i) u (ii).

Illi lanqas ma qatt intalab li jingiebu xhieda tul il-periodu ta’ aktar minn sentejn li dan l-Att ta’ l-Akkuza ilu pendenti quddiem din il-Qorti, la fl-istadju tal-ewwel smiegh li sar fis-27 t’Ottubru, 2008, la meta giet prezentata l-eccezzjoni tad-demenza fiz-zmien tal-kawza, u lanqas waqt il-guri li sar fit-8 ta’ Gunju, 2010 biex tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni. Kien biss *“at the eleventh hour”* , ftit qabel ma ghalaq ir-Registru fit-18 ta’ Gunju, 2010, proprju l-ahhar jum ta’ xoghol qabel il-jum tal-guri li kellu jibda’ llum, li saret it-talba odjerna.

Din il-Qorti, fil-waqt li tapprezza id-diffikultajiet li seta' ltaqa' maghhom l-avukat difensur Dr. Simon Micallef Stafrace, meta kellu jassumi id-difiza tal-akkuzat bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali *"at short notice",* wara li l-Avukat tal-Ghajnuna Legali Dr. Joseph Mifsud, li kien ilu jippatrocina lill-Akkuzat, allontana ruhu minn dawn il-Gzejjer proprju ftit granet qabel id-data appuntata ghall-guri, mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax il-fatt li tali talba thalliet proprju ghall-ahhar mument kif sar.

Ikkonsidrat;
Illi skond l-artikolu 440 (3) tal-Kap. 9, ebda xhud, li ma jkunx inghata fin-nota kif provdut fl-artikolu 438, ma jista' jingieb fil-kawza <u>minghajr permess specjali tal-Qorti</u> u skond is-sub-inciz (4) tal-istess artikolu, dan il-<u>permess jinghata biss</u> meta jinstab li l-prova hija rilevanti u jekk jinstab li hu <u>mehtieg jew utili</u> li jinstema' xi xhud tul il-kawza li ma jkunx hekk inghata fl-imsemmija nota skond is-subinciz (5) tal-istess artikolu.

Illi jinghad mill-ewwel li hadd mix-xhieda mitluba ma jirrizulta li kien prezenti waqt l-interrogatorji tal-akkuzat li saru mill-ufficjali investigattivi. Ghalhekk dawn il-persuni ma jistghu jixhdu xejn li huma jafu di xjenza propria u li esperjenzaw bil-hames sensi taghhom , kif jista' jixhed biss kull xhud okulari jew awrikolari.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Kolleggjali) fis-sentenza taghha, fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco"** [19.4.2001], fejn gie citat b' approvazzjoni bran mis-sentenza tal-istess Qorti fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmelo Spiteri"** [31.8.1998]:-

*"Din il-Qorti, u kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali, hi obbligata li ma thalli lil hadd jipprova jirraggira id-dispost tal-ligi dwar il-perizji. Ma jirrizultax mill-oggett tal-prova kif dikjarat , li dan ix-xhud jaf xi haga di scienza propria dwar "il-facts in issue" jew il-"Facts relevant to the issue" ; dan ix-xhud jidher li ser jigi prodott biss biex jaghti opinjoni*

*dwar dak li jkun irrizulta mid-depozizzjonijiet ta' haddiehor."*

Dik il-Qorti fil-kaz ta' Pollacco kienet iddikjarat xi xhieda mitluba mid-difiza bhala inammissibbli ghax irriteniet li :-

*"...dak li jrid jaghmel l-akkuzat hu li, ghall-esperti nominati mill-Qorti jipproduci l-esperti tieghu, ossia esperti ex parte. Dan evidentement ma jistax isir."*

Ghalhekk, taht dan l-aspett, din ix-xhieda mitluba qatt ma tista' tkun rilevanti f' dan il-kaz.

Jekk invece l-akkuzat irid jelicita xi opinjonijiet mix-xhieda issa minnu mitluba, dan jista' jsir biss jekk tali xhieda ikunu mahtura bhala esperti mill-Qorti w dan ghaliex xhieda ordinarji qatt ma jistghu jigu ammessi biex jaghtu opinjonijiet, imma jistghu jixhdu biss dwar dak li esperjenzaw bis-sensi taghhom.

Illi fil-kors ta' dan il-process gew nominati erba tobba bhala esperti psikjatrici biex jirrelataw jekk l-akkuzat kienx *"fit to plead"* , u cioe' Dr. Joseph Spiteri fl-istadju tal-Istruttorja w t-tobba Dr. David Cassar, Dr. Joseph Vella Baldacchino w Dr. Mark Xuereb, ghall-fini tal-eccezzjoni li giet deciza fil-guri tat-8 ta' Gunju, 2010.

Tobba ohra li setghu gew nominati minn Qorti ohra fi process jew processi ohra biex jirrelataw dwar incidenti li saru fi zmienijiet differenti minn dawk mertu tal-akkuzi odjerni ma jistghu qatt ikunu rilevanti jew ammissibbli f' dan il-kaz, fejn la qed tigi trattata l-eccezzjoni tad-demenza fiz-zmien tal-allegati reati w fejn l-eccezzjoni tad-demenza fiz-zmien ta' din il-kawza gja giet deciza definittivament.

Inoltre dawn it-tobba, kieku stess kellhom jixhdu, jkunu jridu necessarjament jizvelaw il-kuntest li fih huma gew nominati bhala esperti biex jirrelataw dwar l-istat mentali tal-akkuzat f' kawzi ohra u b' hekk ikollu jigi zvelat lill-gurati li hu diga' gie processat u gudikat u misjub hati fil-passat ta' omicidju w tentattiv t' omicidju w li, fil-prezent,

oltre l-proceduri odjerni, qed jiffaccja akkuza ohra ta' omicidju iehor, informazzjoni din, li tista' tippregudika serjament il-kaz tal-akkuzat f' din il-kawza

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Antonio Falzon"** [22.9.2006]:-

*"Il-Prosekuzzjoni (u hawn jista jinghid ukoll Il-Qorti) trid toqghod ferm attenta pero' li bil-provi li tressaq ma jkunx hemm referenza ghal xi proceduri gudizzjarji ohra, citazzjoni jew komparixxi u "multo magis" ghal xi sentenza jew decizjoni ohra ta' Qorti fir-rigward"*

F' dan il-kaz ix-xhieda ta' tobba li xehdu f' kawzi u proceduri ohra kontra l-akkuzat, kif jidher li huma Dr. Ethel Felice, Dr. Peter Muscat u Dr. George Debono, facilment tista' tilledi dan il-principju bi pregudizzju ghall-akkuzat.

Ghalhekk din il-Qorti tara li xi opinjoni li tista' f' dan l-istadju tkun rilevanti ghall-kawza odjerna tkun biss wahda li tista' titfa' dawl fuq <u>il-volontarjeta'</u> u/jew <u>il-veracita'</u> tal-istqarrijiet tal-akkuzat, fid-dawl tal-kondizzjoni ta' sahha mentali gja riskontrata mill-imsemmija erba esperti <u>nominati waqt dan il-process</u> w xejn aktar, kwistjoni ta' fatt din li dejjem trid tigi deciza mill-gurati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 436 (3) (c) tal-Kodici Kriminali w l-artikolu l-ohra gja fuq citati, fl-interess tar-ricerka tal-verita' w tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, qed tilqa' t-talba tal-akkuzat <u>limitatatement</u> u <u>fis-sens ristrett li gej</u> u cioe' li l-erba' tobba esperti psikjatri : Dr. Cassar, Dr. Vella Baldacchinio, Dr. Xuereb u Dr. Spiteri, jew min minnhom li gja gew nominati w iddeponew f' din il-kawza, jkollhom l-inkariku ulterjuri li jirrelataw verbalment <u>bhala xhieda tad-difiza</u> dwar jekk il-kondizzjoni medika tal-akkuzat setghetx b' xi mod incidiet:- 1) fuq il-volontarjeta' tal-imsemmija stqarrijiet w 2) fuq il-veracita' tal-kontenut taghhom. Tichad it-talba ghall-produzzjoni tax-xhieda l-ohra mitluba fir-rikors billi dawn huma manifestament irrilevanti w din il-

Qorti tqis  li taht l-ebda aspett ma huma utili w mehtieg li jinstemghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------